Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,611, 26 ta' Marzu, 2026
Taqsima B

A.L. 74 tal-2026

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħalib Ippriżervat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru responsabbli għall-ikel għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar Ħalib Ippriżervat, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Ħalib Ippriżervat, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 449.40.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2024/1438 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel, 2001/112/KE li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman, 2001/113/KE li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għal konsum mill-bniedem, u 2001/114/KE rigward ċertu ħalib ippreżervat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2026.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 1.2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

> "1.3. Dawn ir-regolamenti jittrasponu wkoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2024/1438/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/114/KE rigward ċertu ħalib ippreżervat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 2.2 tar-regolamenti prinċipali

għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"2.3. Prodotti li jitqiegħdu fis-suq jew jiġu ttikkettjati qabel l-14 ta' Ġunju 2026 skont id-Direttiva 2001/114/KE rigward ċertu ħalib ippreżervat disidratat in parti jew kollu għall-konsum tal-bniedem jistgħu jibqgħu jinbiegħu sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.".

Jemenda r-regolament 4.1 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 4.1 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "Ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel għandhom japplikaw għall-prodotti msemmija fl-Ewwel Skeda, taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi għandu japplika għall-prodotti mfissra fl-Ewwel Skeda, taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:".

Jemenda l-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali.

5. L-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tal-partita 3 tagħha għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) Tnaqqis tal-kontenut ta' lattożju b'konverżjoni għal glukożju u galattożju. Modifiki fil-kompożizzjoni tal-ħalib bħala riżultat ta' dan it-trattament għandhom ikunu permessi unikament jekk ikunu indikati b'mod ċar fuq l-ippakkjar tal-prodott sabiex ikunu faċilment viżibbli u leġibbli. Tali indikazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-obbligu fir-rigward tat-tikkettar tan-nutrizzjoni fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011. L-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel tista' tillimita jew tipprojbixxi modifiki fil-kompożizzjoni tal-ħalib imsemmija f'dan il-paragrafu.";

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tal-partita 4 tagħha għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(ċ) Enżimi tal-ikel awtorizzati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi ta' l-ikel.

(d) Addittivi tal-ikel awtorizzati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi ta' l-ikel.".

Jemenda t-Tieni Skeda għar-regolamenti prinċipali.

6. Fil-paragrafu (a) tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali l-kliem "L-isem bl-Ingliż *evaporated milk* ifisser il-prodott imsemmi fil-punt (1)(b) ta' l-Ewwel Skeda u li fih, skond il-piż, ta' l-anqas 9% xaħam u 31% solidi totali tal-ħalib," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "It-terminu Ingliż "evaporated milk" ifisser il-prodott definit fl-Ewwel Skeda (1)(b) skont il-piż, li fih, mill-anqas 7.5% xaħam u 25% solidi totali tal-ħalib,".